MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2006

Avviz Numru. 1221/2000/1

**Paul u Nathalie Gauci**

**Vs**

**Joseph u Carmen konjugi Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kkundannati li jhallsu lill-istess atturi s-somma ta' mitejn hamsa u sittin Liri Maltin u disghin centezmu (Lm265.90) rapprezentanti hlas ta' appogg pratikat mill-konvenuti proprjetarji tal-fond 'Rodcare', 13, Triq il-Penit, Zebbug mal-proprjeta tal-atturi "Highlander", Triq il-Penit, Zebbug, liema ammont gie stabbilit mill-Perit Mannie Galea (Vide Dok A).

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll l-anness dokument markat <u>Dok A</u> a fol 2 sa fol 4 tal-istess atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti (fol 10 ibid) u li biha eccepew bir-rispett:

(1) Preliminarjament il-preskrizzoni ta' l-azzjoni bid-dekors ta' hames snin minn meta gie pratikat l-appogg u dan ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) Illi bla pregidzzju ghas-suespost it-talba attrici ghall-ammont mitlub hija nfondata fil-fatt u fid-dritt:
(3) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza preliminari moghtija fil-11 ta' April 2005 (fol 54 et seq ibid) u li biha giet michuda l-istess eccezzjoni preliminari kif proposta mill-konvenuti.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat waqt is-seduta tat-28 ta' Settembru 2005 (fol 57 ibid) meta gie verbalizzat illi l-partijiet qablu li ma hemmx provi fuq il-meritu ta' din il-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, kif risultanti minn nota tal-eccezzjonijiet sottomessa mill-konvenuti, dawn fis-sustanza ibbasaw id-difisa taghhom fuq l-eccezzjoni preliminari di gja decisa minn din il-Qorti.

Illi, fil-<u>meritu u in rigward it-talba in esami</u>, l-konvenuti b'mod succint izda insufficjenti kemm fil-fatt kemm fid-dritt, qalu biss illi l-"… ammont mitlub hija nfondata fil-fatt u fid-dritt", minghajr ma sar xi tentattiv zghir da parti taghhom sabiex jispjegaw ghaliex l-istess ammont ma kienx dovut.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-atturi, da parti taghhom ipproducew diversi provi in sostenn tat-talba in esami (ara fol 2 sa fol 4, fol 16 u fol 17, fol 21 u fol 22, fol 24 u fol 25 tal-istess atti) u ghalhekk it-talba in esami ghandha tigi, kollha kemm hi, akkolta minn din il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa't-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lill-atturi s-somma ta' Lm265.90 bl-imghaxijiet legali mis-sebgha (7) ta' Settembru 2000 sad-data tal-pagament effettiv bl-ispejjes jithallsu mill-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------